MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Avviz Numru. 209/2014

**Fl-atti tal-ittra ufficjali bir-riferenza 4661/10 fl-ismijiet:**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Charles Bonnici**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' kummercjali Mobisle Communications Limited fejn esponiet illi:

L-ittra ufficjali fuq premessa inharget taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 fil-konfront ta’ Bonnici Charles li ghandu n-numru tal-karta ta’ identita’ 75389M nhar is-6 ta’ Dicembru, 2010.

Illi l-imsemmija ittra giet reza ezekuttiva fil-konfront tal-intimat u dan skond ma jirrizulta mit-timbru ta’ Marika Fenech, Deputat Registratur datat 24 ta’ Jannar, 2011.

Illi nhar is-27 ta’ Gunju, 2012, certu Sonia Azzopardi li ghandha n-numru tal-karta tal-identita’ 272275M dahlet fi ftehim ta’ pagamenti mensili mas-socjeta’ rikorrenti.

Illi jirrizulta li sa llum baqa’ bilanc dovut fl-ammont ta’ sitt mija hamsa u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€685.64).

Illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha interess li tipprocedi bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv miksub skond kif tipprovdi l-ligi.

Illi ghaldaqstant l-ammont dovut mill-intimat sa llum, salv kull imghax u spejjez legali sad-data tal-pagament effettiv, jammonta ghal €873.04 (tmien mija tlieta u sebghin Ewro u erbgha centezmi), komprizi l-bilanc ta’ €685.64 (sitt mija hamsa u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu) fuq imsemmi flimkien mal-imghaxijiet fl-ammont ta’ mija sebgha u tmenin Ewro u erbghin centezmu (€187.40).

Illi mid-data fuq indikata ghaddew aktar minn tlett (3) snin u s-socjeta’ rikorrenti ghandha interess illi tipprocedi bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv miksub skond kif tipprovdi l-ligi sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi tghamel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Qorti

joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi t-titolu akwizit skont il-ligi.

Illi ai termini ta’ l-istess artiklu 258 tal-Kap 12, Simone Wightman li ghandha n-numru tal-karta ta’ identita’ 473667M debitament awtorizzata, bil-gurament taghha tikkonferma li l-ammont fuq indikat fuq dovut mill-intimat.

Rat li fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2014, Simone Wightman ikkonfermat bil-gurament ir-rikors promotur.

Rat li fil-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Marzu, 2015 deher l-intimat, ammetta li l-ammont kif indikat fir-rikors promotur ma giex imhallas minnu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta rikorrenti u tawtorizzaha tezegwixxi l-Ittra Ufficjali bin-numru 4661/2010 fl-ismijiet fuq imsemmija, reza ezekuttiva fl-24 ta’ Jannar 2011, ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,.

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu subiti mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------